# QORTI CIVILI PRIM`AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 27 ta` Gunju 2017**

**Kawza Nru. 6**
**Rik. Gur. Nru. 20/11 JZM**

**36 Gaming Limited (C-44305)**

***kontra***

**Panavik Gaming Limited**
**(C-44372)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-11 ta` Jannar 2011 li jaqra :–

*(1) Illi permezz ta` kuntratt datat 11 ta` Dicembru 2009 (Ara dokument A hawn anness) u ffirmat bejn iButler Games Limited (li wara li*

*ffirmat dan il-ftehim bidlet isimha u saret 36 Gaming Limited, ara dokument B hawn anness), u s-socjeta` konvenuta, is-socjeta` attrici kienet intrabtet ma` dik konvenuta li tipprovdilha "non-exclusive software licence" ghal numru ta` programmi ta` software uzati sabiex ikun jista` jsir loghob tal-azzard fuq l-internet kif ukoll numru ta` servizzi ta` manutenzjoni relatati mal-istess programmi, liema loghob hu regolat mill-Awtorita` Maltija li tirregola l-Loghob ta` l-Azzard fuq l-Internet ossija l-Lotteries and Gaming Authority (LGA).*

*(2) Illi l-istess kuntratt kif ukoll kuntratt iehor antecedenti u li gie ffirmat bejn il-partijiet qabel l-ewwel kuntratt li ghadu kif issemma` u li kien ffirmat fil-5 ta` Gunju 2008 (ara dokument C hawn anness) it-tnejn jispecifikaw b`mod car u inekwivoku illi l-proprjeta` intellettwali ta` kull software pprovdut mir-rikorrenti lill-intimati kif ukoll kull tibdil tal-istess software li jista` jsir u/jew sar minn zmien ghal zmien wara l-iffirmar tal-istess kuntratti kellu jibqa` l-proprjeta` assoluta tas-socjeta` rikorrenti b`dan illi minghajr il-kunsens espress tas-socjeta` attrici proprjetarja ta` dawn id-drittijiet intellettwali s-socjeta` intimata ma setghet qatt taghmel uzu mill-istess inqas u inqas tapproprja ruhha minn dawn id-drittijiet.*

*(3) Gara illi wara li s-socjeta` intimata kienet naqset li thallas lil dik attrici ai termini tal-kuntratt tal-11 ta` Dicembru 2009 is-somom indikati bhala dovuti fl-imsemmija kuntratt u li dwar liema nuqqas gja giet intavolata kawza fl-istess ismijiet fis-16 ta` Dicembru 2010 li pero` sal-lum ghadha ma gietx appuntata u li kopja tal-istess rikors guramentat qed jigi hawn anness u mmarkat bhala dokument D, u bhala konsegwenza ta` dan in-nuqqas u ai termini tal-istess kuntratt dokument A u senjatament l-Artikolu 15.2 tal-istess, is-socjeta` attrici kienet itterminat il-kuntratt imsemmi b`dan illi s-socjeta` attrici ma baqghetx tipprovdi l-ebda tip ta` servizz li kienet qed toffri qabel. Ciononostante s-socjeta` intimata xorta wahda b`mod abbuziv u llegali baqghet taghmel uzu minn grafika elettronika li kienet originarjament taghmel parti mis-software pprovdut mis-socjeta` rikorrenti liema grafika kienet u ghadha proprjeta` intellettwali assoluta tas-socjeta` rikorrenti. Dan l-agir min-naha tar-rikorrenti wara t-terminazzjoni tal-kuntratt tal-11 ta` Dicembru 2009 baqa` jsehh sabiex ir-rikorrenti ma jitilfux il-klijentela li kellhom u liema klijenti kienu juzaw is-software provdut mis-socjeta` attrici billi bdew joffru loghob tal-azzard fuq l-internet li huwa vizwalment identiku ghall-loghob li kienu pprovduti mis-socjeta` attrici u b`hekk gew li ffrankaw il-commissions li kienu dovuti minnhom lis-socjeta` rikorrenti ai termini tal-kuntratt datat 11 ta` Dicembru 2009.*

*(4) Illi dan il-loghob tal-azzard li gie perpetwat wara t-terminazzjoni tal-kuntratt datat 11 ta` Dicembru 2009 beda jsir tramite Universal Resource Locator (URL) differenti minn dak pattwit fil-kuntratt tal-11 ta` Dicembru 2009 fejn minflok baqghu juzaw id-domain name www.lespirates.eu, is-socjeta` intimata bdiet tuza domain name iehor, prattikament identiku u cioe www.lesspirates.eu, l-unika differenza tkun l-inserzzjoni tal-ittra `s` zejda biex minghalihom jaghtu x-xemx bl-gharbiel.*

*(5) Illi `multo magis` l-abbuz ipperpetrat mis-socjeta` intimata mhux biss kiser il-ligi kuntrattwali ta` bejn il-partijiet u sahansitra possibbilment il-ligi kriminali billi jista` jikkonsisti f`mizapproprjazzjoni indebita ta` proprjeta` intellettwali ghal finijiet ta` qliegh izda sahansitra bi ksur sfaccat tal-ligijiet Maltin li jirregolaw il-loghob tal-azzard fuq l-internet u rregolat mil-Lotteries and Gaming Authority ta` Malta (LGA).*

*(6) Illi biex dan l-agir abbuziv, irresponsabbli u llegali ma jkunx bizzejjed, is-socjeta` intimata kompliet izzid id-doza ta` din l-irresponsabbilta` u qerq billi baqghet tippersisti f`dan l-agir anke wara l-hrug kontra taghha ta` Mandat ta` Inibizzjoni datat 24 ta` Novembru 2010 biex hija tigi inibita milli tkompli f`illegalita` taghha fuq imsemmija, liema mandat kien gie milqugh provvizorjament minn din il-Qorti permezz tad-digriet taghha ta` 24 ta` Novembru 2010 u kkonfermat b`digriet finali moghti mill-istess Qorti fit-23 ta` Dicembru 2010, kopja ta` liema rikors u z-zewg digrieti qed jigu hawn annessi u kollettivament immarkati bhala dokument E. Kompliet sahansitra tisfida s-socjeta` intimata mhux biss lis-socjeta` rikorrenti izda issa wkoll lil din l-Onorabbli Qorti anke wara li giet servuta b`protest gudizzjarju iehor tad-29 ta` Dicembru 2010, dokument F hawn anness, fejn giet mizmuma responsabbli ghad-danni kollha li s-socjeta` rikorrenti soffriet, kienet qed issofri u setghet `l quddiem issofri minhabba l-azzjonijiet illegali tas-socjeta` intimata li akkost ta` kollox baqghet tippersisti fl-azzjonijiet taghha donnu ghaliha la tezisti ligi, la jezistu kuntratti kif lanqas tezisti l-ordni tal-Qorti b`zebligh shih ghall-awtorita` gudizzjarja ta` pajjizna.*

*Ghaldaqstant is-socjeta` esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex in vista tal-premess u dispensat is-smigh tal-provi ai termini tal-Artikolu 167 et seq tal-Kap XII tal-Ligijiet ta` Malta ghaliex m`ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :*

*(1) Tikkonferma u tipperpetwa l-kontenut tad-digriet finali li nghata fit-23 ta` Dicembru 2010 permezz ta` liema s-socjeta` intimat kienet giet inibita milli :*

*"Jiefqu juzaw direttament u/jew indirettament prodott tas-software (jew kwalunkwe parti minnha) tar-rikorrenti u/jew kopji tal-istess software (jew kwalunkwe parti minnha) kif ukoll jiefqu juzaw kull proprjeta` intellettwali ohra (jew kopji tal-istess) tas-socjeta` rikorrenti u/jew milli joffru jew jipprovdu kull tip ta` servizz illi jahdem permezz jew juza l-istess software, proprjeta` intellettwali jew kopji tal-istess, liema uzu qieghed isir ukoll partikolarment permezz ta` domain name jew brand name www.lespirates.eu u/jew www.lesspirates.eu (jew kwalunkwe derivanti tal-istess domain names jew brand names) u/jew permezz tal-IP Address 78.11.21.49 jew kull IP address iehor jew kull tip ta` access iehor illi qed jigi provdut mis-socjeta` Bellnet Limited (C30793) stante illi dan l-agir qed isir bi ksur tad-drittijiet tal-proprejeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti li l-istess socjeta` rikorrenti ghandha u dan ukoll bi ksur ta` ftehim datat 11 ta` Dicembru 2009 [...] li kien sar bejn is-socjeta` rikorrenti (li kienet maghrufa bhala iButler Games Ltd) [...] u s-socjeta` intimata u li permezz tal-istess ftehim is-socjeta` rikorrenti kienet tipprovdi numru ta` servizzi, inkluz is-software, lis-socjeta` intimata u dan relatat ma wesbite elettroniku bid-domain name www.lespirates.eu u dana bi qbil illi kull proprjeta` intellettwali ezistenti fis-software u kull tip ta proprjeta` intellettwali ohra provdut mis-socjeta` rikorrenti kienet proprejta` assoluta tas-socjeta` rikorrenti u li s-socjeta` intimata ma kellhom l-ebda setgha li juzaw dan is-software mod iehor.*

*Dan fil-kuntest illi s-socjeta` intimata, wara li ma hallsitx ammonti dovuta minnha lis-socjeta` rikorrenti kif maqbul fil-ftehim datat 11 ta` Dicembru 2009 u li ghalhekk wassal lis-socjeta` rikorrenti biex tittermina l-istess kuntratt, minghajr il-kunsens tas-socjeta` rikorrenti kkreat domain-name iehor bl-isem `lesspirates` sabiex tkun tista tibqa` topera u toffri loghob tal-azzard minn fuq l-Internet permezz tal-uzu llecitu tas-software u/jew il-proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti.*

*U dan peress illi s-socjeta` intimata qed tuza s-servizzi ta` hosting ipprovduti mis-socjeta` Bellnet Limited fost l-ohrajn permezz ta` IP Addresses registrati f`isem Bellnet Limited bhal ma huwa dak 78.110.21.49 [...] biex tkun tista` topera b`dan il-mod illegali u abbuziv.*

*U dan peress illi dan l-agir illegali tas-socjeta` ntimata qed jikkreja danni ngenti u rreparabbli lis-socjeta` rikorrenti."*

*(2) Tiddikjara u tiddeciedi illi bl-agir illegali u abbuziv taghha kif fuq spjegat is-socjeta` rikorrenti kkagunat danni li s-socjeta` attrici li ghalihom hija responsabbli unikament.*

*(3) Tillikwida dawn id-danni jekk hemm bzonn bl-opera ta` esperti li jigu nnominati minn din il-Qorti, jekk ikun il-kaz.*

*(4) Konsegwentement tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lil dik attrici dawk id-danni li jigu hekk likwidati.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta` Inibizzjoni mahrug fl-24 ta` Novembru 2010 u ghall-atti kollha sussegwenti ghall-istess, dawk tal-protest gudizzjarju tad-29 ta` Dicembru 2010 bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta` intimata minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata li kienet prezentata fis-7 ta` Marzu 2011 li taqra :–

*1. Fl-ewwel lok u preliminarjament jinghad li l-ewwel talba tas-socjeta` rikorrenti ma hijiex sostenibbli legalment. Dan l-ghaliex mandat ta` inibizzjoni u/jew digriet li bih jintlaqa l-istess mandat ta` inibizzjoni qatt ma jista` jigi kkonfermat u pperpetwat kif qieghed jintalab li jsir fl-ewwel talba.*

*2. Fit-tieni lok jinghad li s-socjeta` intimata ressqet kawza opportun kontra s-socjeta` rikorrenti u li permezz taghha hija qeghda titlob li l-ftehim datat 11 ta` Dicembru, 2009 jigi dikjarat null u bla effett (Rik. Mah. Nru. 59/11/CFS Panavik Gaming Limited vs 36 Gaming Limited). Illi ghalhekk din il-kawza, u dan peress illi f`kaz ta` ezitu favorevoli, din bil-fors ikollha mpatt fuq l-ezitu ta` din il-kawza.*

*3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` rikorrenti trid tipprova illi hija proprjetarja tal-programmi tas-software, grafika elettronika, isem, il-Universal Resource Locator u kull proprjeta` intellettwali ohra msemmija fir-rikors promotur taghha. Dan qed jinghad, inter alia, l-ghaliex skont dikjarazzjoni maghmula minn Charalambos Orphanides – li huwa direttur u azzjonista fis-socjeta` rikorrenti – fil-5 ta` Frar tas-sena 2008, f`ghassa tal-Pulizija gewwa Nicosia, Cipru, kopja ta` liema hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. JD1, il-loghob hemm citati*

*huma proprjeta` assoluta tas-socjeta` intimata. Dan kollu sejjer jigi ppruvat fil-mori ta` dawn il-proceduri.*

*4. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, s-socjeta` intimata tinnega b`mod mill-aktar assolut illi fiz-zmien meta gie ntavolat il-mandat ta` inibizzjoni u iktar u iktar f`xi zmien wara illi ntlaqa` hija kienet b`xi mod qed taghmel uzu mis-software u/jew il-proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti, jew xi kopja tal-istess, u dan kif ser jigi ppruvat ahjar waqt is-smigh ta` dawn il-proceduri.*

*5. Illi l-ebda danni ma huma dovuti lis-socjeta` rikorrenti u dan peress illi l-agir taghha fl-ebda hin ma kien abbuziv u/jew illegali, u dan peress illi s-software illi kienet qed tuza kien qed jintuza ghal skopijiet ta` testing biss u aktar minn hekk kien mibni minnha u ghal kollox differenti ghal dak illi tuza s-socjeta` rikorrenti. Ghandu jinghad ukoll illi l-grafika elettronika illi qed jaghmlu referenza ghaliha ma hijiex proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti kif qed jigi allegat. Dan kollu jigi ppruvat ahjar fil-mori ta` dawn il-proceduri.*

*6. Salv li jigu prezentati risposti/eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt skont il-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat ukoll il-provi li tressqu fil-kawza fl-ismijiet inversi (Rik. Gur. Nru. 56/2011/FS) li - wara provvediment ta` din il-Qorti kif presjeduta - ighoddu bhala prova ghall-fini tal-kawza tal-lum.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar li ressaq id-difensur tas-socjeta` attrici.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza tal-lum – in partikolari l-verbali tad-diversi udjenzi – u kif ukoll dawk tal-kawza fl-ismijiet inversi (Rik. Gur. Nru. 56/2011/FS).

## II. Provi

### 1) Xiehda fil-kawza tal-lum

**Karl Diacono**, rapprezentant tas-socjeta` attrici, wara li kkonferma l-kontenut tar-rikors guramentat, xehed illi s-sitwazzjoni li kienet meta saret il-kawza ghadha dik illum.

Muri Dok JD1 a fol 79, Xehed illi dak id-dokument huwa *statement* li sar minn direttur tas-socjeta` intimata li ma ghandhux x` jaqsam ma` din il-kawza.

Spjega li d-dokument ghandu x` jaqsam mas-socjeta` Magneta Technology Limited ("**Magneta**") u Panavik Gaming Limited ("**Panavik**").

Ipprezenta Dok KD1 li huwa l-ftehim li kien sar bejn Magneta u Panavik.

Stqarr illi Panavik kienu applikaw ghal licenzja gewwa Malta mal-Malta Gaming Authority. Applikaw ghal licenzja Class 1 ossija li jkollhom *software* u *hardware* taghhom.

Spjega li Panavik kellha xi problema mal-Awtorita` u ma kinux ghaddew mit-test meta applikaw. Dak iz-zmien, kien hemm ftehim bejn is-socjetajiet kontendenti sabiex is-socjeta` attrici tipprovdi s-*software*, ossija licenzja biex juzaw is-*software*.

Kompla jixhed illi Panavik kienu hallsu ; u sar dak kollu li kien miftiehem maghhom.

Xehed illi sena u nofs wara, Panavik infurmaw lis-socjeta` attrici li riedu jibdlu r-relazzjoni ta` bejniethom.

Spjega li sa dak iz-zmien is-socjeta` attrici kienet kisbet licenzja Class tat-tip Class 4. Minhabba l-problemi li kien hemm mal-Awtorita`, sar kuntratt gdid fejn Panavik tkun tista` tutilizza l-licenzja tas-socjeta` attrici, ossija li jkun hemm Class 1 on 4 b`dana illi l-*hardware* u *software* tas-socjeta` attrici jigi utilizzat mill-operaturi u cioe` Panavik. Il-kuntratt il-gdid ma` Panavik kien fis-sens li din kienet awtorizzata tapplika ghal Class 1 on 4 fuq il-Class 4 tas-socjeta` attrici.

Huwa ppreciza illi l-ewwel kien sar kuntratt fil-5 ta` Gunju 2008 bejn Panavik u Ibutler, fejn Ibutler ipprovda licenzja biex jintuza *software* (Dok C a fol 35). Wara sar ftehim iehor f`Dicembru 2009 fejn mhux biss kien provdut *software* imma wkoll servizzi (Dok A a fol 7). Dan l-ahhar ftehim kien kuntratt kompletament gdid biex tigi provduta licenzja gdida *version*2 kif ukoll servizzi, b`mod illi Panavik tigi fuq il-*platform* tas-socjeta` attrici.

Xehed illi r-relazzjoni ta` bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` intimata kienet wahda tajba tant illi Panavik kienet saret wahda mill-aqwa klijenti taghhom.

Skont Diacono, habta bla sabta Panavik ma baqghetx thallas u tellghet pendenza favur is-socjeta` attrici fl-amont ta` EUR 1,000,000.

Huwa qal li kien hemm problemi mal-Malta Gaming Authority bil-konsegwenza li tnehhiet il-licenzja.

Stqarr illi meta Panavik kienet mitluba taghti lura s-*software* u tieqaf milli tuza l-prodotti tas-socjeta` attrici, Panavik ikkopjat is-*software*, poggietu fuq URL li kien simili hafna tal-URL li fil-kuntratt setghu juzaw. Skont il-kuntratt, Panavik setghet tuza *website* Lespirates. Sabu illi Panavik kienet ikkrejat site iehor ta` Lespirates u baqghet tuza s-*software* tas-socjeta` attrici minghajr permess fuq sit iehor minghajr dritt u minghajr hallset.

Ipprezenta email Dok KD2.

Kompla jixhed illi Magneta kellha *software solution* u kienet bieghet lilhom licenzja, ossija dritt ta` uzu ta` dak is-*software* li Panavik kienu qed juzaw u li kienu qed ihallsu ghaliha. Wara xi zmien, sar negozju fejn Panavik riedu jbiddlu l-licenzja taghhom ghal *Class 1 on 4.* IButler hija socjeta` li s-socji taghha huma l-istess socji ta` Magnet. Sar ftehim li bih inqalbet is-*software licence* sabiex Panavik ikollha dritt tuza s-*software* b`kuntratt gdid. Kien hemm bdil fir-relazzjoni bejn iz-zewg nahat u anke bdil fil-licenzja li Panavik kellha ma` l-Malta Gaming Authority.

Fisser illi l-*class 2* hija licenzja fejn l-operatur ghandu licenzja ta` *software* u jkun qed juza *servers* tieghu ; ghalhekk ikun qed jimmaniggja kollox hu. Il-*class 1 on 4* hija fejn IButler kienet is-*supplier* b`licenzja mill-Malta Gaming Authority biex toffri *servers.* IButler ghandu *software* li operaturi ohra jistghu juzaw bis-sahha ta` kuntratt u dik il-licenzja tkun *class 1 on 4* ossija l-Malta Gaming Authority jkollha relazzjoni kompletament differenti.

Muri d-dokument a fol 116 fil-process allegat, stqarr illi dak huwa *invoice* li s-socjeta` attrici tohrog lill-klijenti taghha ghall-hlas li jkun dovut lilha. Spjega li ghal kull Ewro li jdahhal l-*operator,* is-*supplier* jiehu *commission* u ghalhekk dak id-dokument kien l-*invoice* ghal dan is-servizz. Sostna li d-dokument huwa bbazat fuq ir-*revenue* li generat. Is-socjeta` attrici jkollha access ghall-informazzjoni ghax din qeghda fuq il-pjattaforma taghha u ghalhekk hija tkun tista` tara kemm kien generat bejgh u tkun tista` tinhareg l-*invoice.*

Fisser illi l-kalkoli li jidhru fl-*invoice* jsiru abbazi tan-*net gaming revenue* u cioe` il-bejgh *minus* id-*direct cost.* Fuq dik il-figura, is-socjeta` attrici jkollha r-*revenue share.* Minghajr operat, ma jkunx hemm *net gaming revenue.* Panavik kienet qed topera sistema u tiggenera *revenue* minnha abbazi tal-kuntratt mas-socjeta` attrici. Sahaq illi ma setax ikun hemm operazzjonijiet minn Panavik li kienu bbazati fuq il-kuntratt ta` qabel ma` Magneta u dan peress illi Panavik kienet qed tintuza l-pjattaforma tas-socjeta` attrici, u kienet din ir-raguni li ghala s-socjeta` attrici setghet issib l-informazzjoni dwar *revenue* ggenerat minn Panavik.

Kompla stqarr illi Panavik ma setghetx topera mill-pjattaforma tas-socjeta` rikorrenti peress li skont il-kuntratt ta` qabel, Panavik inghatat *software* li kien intiz biex isir fuq is-*servers* taghha. Bil-kuntratt il-gdid, is-*server* u *software* qeghdin ghand is-socjeta` attrici u hija taghti dritt biex

jintuzaw is-*server* u *software* fuq pjattaforma li tuza l-istess attrici. Is-socjeta` attrici hija l-licenzjarja regolata mill-Malta Gaming Authority.

Stqarr illi d-danni reklamati mis-socjeta` attrici kontra Panavik ikopru mid-data ta` terminazzjoni sa meta tkompla l-uzu tas-sistema abbusivament.

Ikkonferma li meta waqfet tuza l-licenzja *class 1 on 4,* is-socjeta` intimata baqghet tuza s-*software* li ma kienx izjed licenzjat ghaliex il-kuntratt kien terminat.

**Taeko Wantabe** mill-Malta Gaming Authority xehdet illi l-applikazzjoni ta` Panavik saret fid-19 ta` Gunju 2008. Fit-30 ta` Settembru 2009, harget *letter of intent.* Din hija ittra li tinghata lill-operatur li biha ikun jista` jopera izda ma tkunx licenzja. Bil-*letter of intent*, l-operatur seta` jmur *live,* ossija seta` jibda l-operat tieghu.

Stqarret illi Panavik bdiet topera fis-16 ta` Ottubru 2009. Il-*letter of intent* kienet valida ghal sitt xhur. Kienet estiza ghal tlett xhur ohra fit-18 ta` Marzu 2010. L-applikazzjoni kienet ghal Class 1 li tfisser li l-loghob offrut kien kollu mibni *in house* u ma kienx hemm terzi persuni li qed joffru l-loghob. Fis-27 ta` April 2010, kien hemm rikjesta biex minn Class 1 il-licenzja tmur ghal Class 1 on 4 fuq 36 Gamin li jfisser li s-socjeta` attrici kienet sejra toffri li taghmel *hosting* u *managing* tal-loghob ghal Panavik.

Kompliet tghid illi r-rikjesta ma kenitx finalizzata billi fit-30 ta` Gunju 2010, il-*letter of intent* rega` kienet estiza skont *class 1 licence.* Kien hemm estensjonijiet ohra fit-30 ta` Dicembru 2010 u fit-30 ta` Marzu 2011.

Qalet li fl-1 ta` Frar 2012, l-operat kien terminat peress li harget *termination letter* mill-Awtorita.

Spjegat li *operating licence per se* qatt ma kien hemm. Kulma kien hemm kienet *letter of intent* li baqghet tiggedded.

**2) <u>Dokumenti prezentati bhala prova fil-kawza tal-lum</u>**

**Dok A :–**

Kuntratt datat 11 ta` Dicembru 2009 bejn ir-rikorrenti u l-intimata.

**Dok B :-**

Dokument registrat mal-MFSA mnejn jirrizulta li l-isem tas-socjeta` rikorrenti nbidel.

**Dok C :-**

Non exclusive *Software* Licence Agreement datat 5 ta` Gunju 2008 bejn ir-rikorrenti u l-intimata.

**Dok D :–**

Rikors datat 16 ta` Dicembru 2010 prezentat mis-socjeta` rikorrenti.

**Dok E :-**

Atti relatati mal-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni.

**Dok F :-**

Protest gudizzjarju datat 29 ta` Dicembru 2010.

**Dok JD 1 :-**

Stqarrija.

**Dok KD1 :–**

*software maintenance agreement* bejn Magneta Technologies Limited u Panavik Gaming Limited datat 5 ta` Gunju 2008.

**Dok KD 2 :-**

email dwar Lespirates.

**Dok A** :–

applikazzjoni ghal *remote gaming licence* minn Panavik (Class 1) datata 19 ta` Gunju 2008.

**Dok B :-**

*Letter of Intent* datata 30 ta` Settembru 2009.

**Dok C :–**

*Email* dwar id-data tal-*Go Live* fis-16 ta` Ottubru 2009

**Dok D :–**

Estensjoni tal-*letter of intent* datata 18 ta` Marzu 2010.

**Dok E :–**

Talba ghal bdil minn Class 1 ghal Class 1 on 4 fuq 36 Gaming Ltd datata 27 ta` April 2010.

**Dok F :–**

*Business Entity Form* datata 27 ta` April 2010.

**Dok G :–**

*Letter of Intent* datat 30 ta` Gunju 2010.

**Dok H :-**

Estensjoni ta` *letter of intent* datata 30 ta` Dicembru 2010.

**Dok I :–**

*Letter of Intent* datat 30 ta` Marzu 2011

**Dok J :–**

*Termination letter* datata 1 ta` Frar 2012.

**3) L-atti tal-kawza bin-nru 59/11 JZM**

**a) Xiehda**

**Alexia Viki** xehdet illi llum hija azzjonista ta` Panavik, waqt illi f`Dicembru 2009, kienet direttur u kellha r-rapprezentanza legali ta` Panavik. B`riferenza ghall-ftehim tal-11 ta` Dicembru 2009 bejn I Butler Games Limited u Panavik Gaming (Malta) Limited, xehdet illi qatt ma rat il-ftehim, u allura ma ffirmatux u lanqas qatt tat il-kunsens taghha ghall-kontenut tal-istess. Il-firma li tidher fil-ftehim mhijiex taghha u lanqas tixb ah lil taghha. Ma tafx min iffirma.

**b) Dokumenti**

Kienu prezentati bhala prova dawn id-dokumenti :-

**Dok X.1 :–**

Ftehim datat 5 ta` Gunju 2008 denominat "*Non-Exclusive Software Licence Agreement*" bejn kumpannija Ciprijotta bl-isem ta` "Magneta Technologies Limited" qua "*distributor*" u l-kumpannija "Panavik Gaming Limited" qua "*licensee*"

**Dok X.2 :–**
Ftehim denominat "*Non-Exclusive Software Licence and Maintenance Agreement*" datat 11 ta` Dicembru 2009

**Dok X.3 :-**

Rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` inibizzjoni kontra "Panavik Gaming Limited" u "Bellnet Gaming Limited"

**Dok X.4 :-**

L-atti tar-rikors Dok X.3.

**Dok X.5 :–**

Protest gudizzjarju 570/2010

**Dok X.6 :–**

Mandat ta` sekwestru Nru 1831/10

**Dok X.7 :–**

Dettalji dwar Panavik Gaming Limited

**Dok X.8 :–**

Tlett *invoices* mibghuta minn 36 Gaming Limited lil Panavik Gaming Limited datati 16 ta` Settembru 2009 u ohrajn datati 1 ta` Ottubru 2010 u 9 ta` Novembru 2010 fejn intalab il-hlas ta` EUR 1,130,109.93. *Email* datat 13 ta` Awissu 2010.

**c) <u>Ir-relazzjoni tal-perit tekniku Av. Juliana Scerri Ferrante</u>**

Av. Juliana Scerri Ferrante kienet nominata sabiex tezamina l-firma ta` Alexia Viki. Fir-relazzjoni ndikat il-firem li ezaminat. Il-konkluzjoni taghha kienet din :-

> *"Hija l-opinjoni tal-Perit Grafiku sottofirmat illi l-firem kollha li jinstabu fid-dokumenti tal-files tas-socjetajiet indikati ta` dan ir-rapport probabilment ma sarux minn Alexia Viki Passport numru E – 289900.*

> *L-esperta qed tuza l-kelma `probabilment` peress illi l-opinjoni fil-grafika (aktar conosciuta Malta bhala kaligrafia) qatt ma tista` tkun decizjoni certa mija fil-mija (bhal ezempju fl-impronti digitali). Dan huwa peress illi hija biss opinjoni, fejn l-esperta uza u jiddeciedi l-"probabilita" kontra l-"possibilita". Il-kelma "probabilita" hija in se aktar qawwija li tindika fil-veru sens il-probabilita` illi din il-firma ma saritx minn Alexia Viki. Dan ir-ragunament huwa bbazat fuq il-fatt illi l-kitba hija "azzjoni volontarja".*
>
> *Hija wkoll l-opinjoni ta` l-istess esperta illi dawn il-firma, inkluz tal-prokura saru mill-<u>istess awtur</u> minhabba l-karatteristici simili, kwazi identici li nstabu u gew indikati…"*

Dwar il-firma li tinsab fuq il-ftehim datat 11 ta` Dicembru 2009 esebit a fol 36, il-perit tekniku kkonkludiett li dik il-firma "*<u>probabilment</u> ma saritx minn Alexia Viki."*

**d) <u>Relazzjoni addizzjonali</u>**

Il-perit tekniku ezaminat firma li tindika Mrs Pangiota Viki u li tinstab fl-ahhar pagna ta` *Cooperation Agreement* bejn I Butler Casio Ltd u Kurenia Ltd datat 3 ta` Awissu 2009 kif ukoll skrittura ohra li tinstab fuq cheques tal-Bank ta` Cipru.

Ikkonkludiet hekk :-

> "*1. L-istess id li kitbet il-firem ta` Alexia Viki fuq il-memorandum/dokumenti tas-socjetajiet indikati fir-rapport precedenti, hija l-istess id li kitbet il-firma ta` ommha, Pangiota Viki fil-memorandum/dokumenti ta` Kyrenia Ltd.*
>
> *2. Illi l-firma li hemm ghal Pangiota Viki fil-cooperation agreement datat 3 ta` Awissu 2009 ma hiex l-istess firma bhal dik indikata fid-dok/memorandum ta` Kyrendia Ltd.*

*3. Illi hija ma tistax tivverifika jekk il-firma li hemm ghal Pangiota Viki fuq pagni 5 u 6 tal-Cooperation Agreement hiex ta` Pangiota Viki jew le, peress illi hija ma kellhiex kampjuni tal-firma ta` l-istess Pangiota Viki. Li tista` tghid illi l-firem li hemm taghha fuq:*
*a. Il-memorandum/resolution ta` Kyrenia Ltd u*
*b. Fuq il-Cooperation Agreement*
*ma jaqblux u ma sarux mill-istess id.*

*4. Illi l-kitba li tinstab fuq ic-cekkijiet ta` Hellenic Bank, ta` liema dis tal-kont jidher illi huwa Vikis Chariton, hija simili f`ceri karatteristici ghal kitba li tinstab fil-firma ghal Alexia Viki, fil-memorandum tas-socjetajiet indikati fir-rapport precedenti, u hemm* ***possibilita*** *illi l-istess awtur setgha ffirma ghaliha* ***izda din hija biss possibilita u mhux probabilita*** *peress illi L-Esperta ma tistax tkun certa mija fil-mija u tikkonkludi dan.*

*Fl-istudju tal-Grafika, Espert jista` jinkludi :-*

1. *Li kitba/firma hiex jew ma hiex tal-awtur/ ta` persuna;*

2. *Illi kitba/firma hija differenti minn ohra u saret ghalhekk minn id differenti u anki mhux id tas-sid ta` dik il-firma.*

3. *Izda qatt ma jista` jikkonkludi min ikun iffalsifika firma, ghax kitba hija att volontarju li tista` mhux biss tinbidel b`intenzjoni, izda anki tivvarja u x-xoghol tal-espert huwa illi jistudja dik il-varjabilita` tal-firma, u jara jekkx il-firma inkwistjoni taqax fil-limiti ta` dik il-varjabilita.*
   *Oltre, dan Espert jista` jikkonkludi aktar f`kaligrafija, peress illi f`kaligrafija li mhiex bhal firma, jistghu jinhargu u jinqabdu izjed karatteristici.*

*Dawn huma karatteristici, illi min qed jiffalsifika jipprova jghatti, izda aktar ma jikteb aktar jinhargu l-karatteristici li qed jipprova jaghtu.*

*F`dan il-kaz il-kitba li hemm fuq ic-cekkijiet prodotti, oltre illi l-kirba mhux maghrufa min hu l-awtur taghha, hija ftit u anki f`lingwa ohra, ghalhekk aktar difficli sabiex jinhargu karattertici bizzejjed biex jinhargu affermazzjonijiet definiti mill-espert sottofirmat.*

*Ghalhekk hija tikkonkludi possibilita` u mhux il-probabilita`."*

## III. <u>L-ewwel eccezzjoni</u>

Il-Qorti taghmel riferenza ghall-ewwel talba attrici (*supra*).

Ghal din l-ewwel talba, is-socjeta` konvenuta laqghet bl-ewwel eccezzjoni (*supra*).

Il-Qorti taghmel ghall-gurisprudenza.

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fis-27 ta` Novembru 1991 fil-kawza **<u>Carmela Aquilina vs Francis X. Aquilina</u>** inghad hekk :-

*Kull mandat kawtelatorju min-natura tieghu stess, ghandu validità u hajja, sakemm u biex il-kreditur ikollu opportunità li jikkonkretizza il-kreditu tieghu f`titolu ezekuttiv … u jippermetti jesegwixxi kreditu li b`hekk ma jkollux bzonn ta` aktar kawtela`.*

Fl-istess sentenza, il-Qorti tal-Appell ghamlet id-differenza li tezisti mad-dritt ta` kawtela - cjoè id-dritt procedurali - li ma huwiex id-dritt sostanzjali li jista` jigi kawtelat.

Id-dritijiet huma drittijiet distinti u ma jistghux jigu ridotti u konfuzi fi dritt wiehed.

Il-kwistjoni kollha hija li ma ssirx konfuzjoni bejn il-kawtela u l-garanzija ta`drittijiet.

Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-4 ta` Ottubru 1993 fil-kawza **Connie Galea vs Joseph Gauci** inghad illi *`tali talba attrici ma hijiex permessa fil-ligi taghna billi twassal ghall-inibizzjoni perpetwa tal-konvenut milli jaghmel dak imsemmi fil-mandat minghajr ma jigi stabbilit jekk l-attur ghandux il-jedd, li rrizulta prima facie pruvat fil-proceduri tal-mandat`.*

(ara wkoll : PA : **George Giordmaina vs Kristinu Giordmaina** : 7 ta` Novembru 1995 ; **Michael Axisa vs Grazio Patiniott** : 21 ta` Marzu 1996) ; **Louis Cuschieri vs. Dr. John C. Grech noe** : 9 ta` Jannar 1997 ; u **Anthony Abdilla et vs Emanuel Deguara et :** 4 ta` Marzu 1999).

Fil-kawza **Adrian de Haan noe vs Dr. Tonio Farrugia et noe** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta` Ottubru 1998 kienet trattata talba sabiex il-konvenuti jigu inibiti definittivament milli jbieghu proprjetà sabiex id-drittijiet ta` l-atturi fuq konvenju ma jigux pregudikati. Inghad illi *`id-dritt pretiz ma huwiex specifikat izda hemm referenza generika ghad-drittijiet stipulati fil-konvenju, u di più fit-talbiet ma kien hemm ebda terminu ghal tali inibizzjoni`.*

Il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza taghha tas-27 ta` April 2017 fil-kawza **Edwin Zarb et vs Raymond Bonello et** (li minnha ma kienx hemm appell).

Inghad hekk :-

> *Tajjeb jinghad illi din ma kenitx talba sabiex mandat ta` inibizzjoni jigi konfermat in perpetwita`. Talba ta` dik ix-xorta ma kinitx tkun ammissibbli billi mhux possibli li mandat ta` inibizzjoni jigi konfermat permanentement, stante li dak huwa mandat hu ta` natura kawtelatorja u ntiz biss sabiex iservi ta` garanzija ghall-pretensjoni ta` r-rikorrent dment li jkun hemm proceduri gudizzjarji pendenti (ara : **Simon Debono vs H.S.B.C. Bank Malta p.l.c.** deciza minn din il-Qorti fit-23 ta` Gunju 2002 ; **Rainbow Productions Limited vs Awtorità tax-Xandir** deciza minn din il-Qorti fil- 5 ta` Ottubru 1999 ; **Doris Spiteri vs Carmel Spiteri** deciza minn din il-Qorti fit-28 ta`*

*April 1999 u **<u>Data-Byte Computer Services Limited vs Michael Mallia noe</u>** deciza minn din il-Qorti fit-22 ta` Frar 2005).*

*Fil-kuntest ta` din it-talba, issir referenza li tat il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri - Sezzjoni ta` Gurisdizzjoni Generali fis- 27 ta` Ottubru 2015 fil-kawza "**<u>Rita Mifsud pro et noe vs Joseph Buttigieg</u>**" fejn saret talba ghall-inibizzjoni permanenti fil-konfront ta` l-konvenuti kif ukoll haddiema nkarigati minnhom, "sabiex fl-ezekuzzjoni tax-xogholijiet taghhom huma jiddesistu milli jghaddu mill-istess spazju hawn fuq deskritt, li jizbokka ghat-Triq ta` Gorf, Xaghra, Ghawdex b`vetturi u makkinarju li jaccedu l-ghaxar (10) tunnellati". Waqt il-kawza sar l-argument li t-talba kellha l-forma ta` talba ghall-konferma permanenti ta` mandat ta` inibizzjoni b`mod permanenti.*

*Il-Qorti qalet hekk :-*

*"Fl-eccezzjoni ulterjuri taghhom tas-17 ta` Gunju 2015, il-konvenuti jghidu li mhux moghti lill-atturi li jitolbu l-perpetwazzjoni ta` Mandat ta` Inibizzjoni minghajr ma jressqu talba dwar id-dritt sostantiv, u dwar din l-eccezzjoni jiccitaw diversi sentenzi fin-Nota tal-Osservazzjonijiet responsiva taghhom.*

*Intqal f`cirkostanzi fejn saret talba simili ghat-tieni talba tal-atturi li :*

*"Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta` Novembru 1991 fil-kawza "**<u>Aquilina vs Aquilina</u>**" inghad hekk in linea generali - `Kull mandat kawtelatorju min-natura tieghu stess, ghandu validita` u hajja, sakemm u biex il-kreditur ikollu opportunita` li jikkonkretizza l-kreditu tieghu f`titolu ezekuttiv ......... u jippermetti jesegwixxi kreditu li b`hekk ma jkollux bzonn ta` aktar kawtela`.*

*Kien ghalhekk li saret distinzjoni bejn id-dritt ta` kawtela u cioe` iddritt procedurali u d-dritt sostantiv li huwa haga diversa. U ghalhekk ghax huma distinti, dawn iz-zewg drittijiet ma jistghux jigu konfuzi u jsiru wiehed.*

*Fil-kawza `**<u>Sullivan vs Stivala et</u>**` deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-17 ta` Marzu 1992, kienet saret talba wahda semplici u cioe` il-konferma ta` mandat kawtelatorju. Hemm il-Qorti qalet li ma hemm l-ebda fondament legali sabiex issir talba ta` dik ix-xorta stante li `il-ligi trid li mandati simili jigu msahhin u mwettqa b`citazzjoni, li tkun allura allaccjata mal-pretensjoni tar-rikorrenti u mhux ma rikonferma ta` digriet gja` moghti.`*

*Kull meta saru talbiet sabiex qorti tikkonferma mandat ta` inibizzjoni "sic et simpliciter" il-linja traccjata mill-Qrati taghna kienet dik ta` cahda ghaliex filwaqt li l-mandat johrog ghaliex ikun jirrizulta dritt `prima facie`, fil-kawza trid issir talba ghall-pronunzjament gudizzjarju dwar il-mertu tad- 67 dritt innifsu ("**Giordmaina vs Giordmaina**" – PA/GV - 7 ta` Novembru 1995 ; "**Axisa vs Patiniott**" – PA/AM - 21 ta` Marzu 1996 ; u "**Cuschieri vs Grech noe"** – PA/GV - 9 ta` Jannar 1997).*

*Fil-kawza "**Cassar vs Mallia**" (PA/JF - 22 ta` Mejju 1995) inghad hekk – `Li kieku l-attur strah u llimita ruhu ghall-ewwel talba biss (konferma b`mod definittiv tal-Mandat ta` Inibizzjoni), allura il-konvenut kien ikollu ragun li jeccepixxi n-nullita` tal-azzjoni attrici. F`dan is-sens ukoll inghataw is-sentenzi citati mill-konvenut bhal "**Sullivan vs Stivala et**" (17 ta` Marzu 1992) u "**Galea vs Gauci**" (4 ta` Ottubru 1993). A differenza ta` dawn id-decizjonijiet, l-attur zied talba addizzjonali li tindika kjarament li l-bazi talazzjoni attrici tohrog mill-fatt li x-xogholijiet de quo kienu qed isiru fuq proprjeta` komuni ...`*

*Riferibbilment ghall-kaz tal-lum, din il-Qorti tghid li ghalkemm il-konvenut ma ressaq l-ebda eccezzjoni fir-rigward tal-ewwel talba, eccezzjoni ta` dik ix-xorta kienet tigi respinta ghar-raguni li fil-kaz tal-lum jirrizulta li lewwel talba attrici mhix distakkata mill-bqija tat-talbiet specjalment it-tieni talba. Fil-kaz tal-lum, l-atturi talbu mill-qorti affermazzjoni gudizzjarja taljedd sostantiv minnhom pretiz mhux il-kawtela perpetwa u definittiva ta` dritt `prima facie`. Li allura jkompli jfisser li jekk id-dritt sostantiv ikun jirrizulta pruvat skond il-ligi, hemm allura l-ewwel talba tkun tista` tigi akkolta ("**Fenech et vs Malta Dairy Products Limited**" – PA/RCP – 30 ta` Ottubru 2003).*

*L-ewwel talba attrici kif dedotta hija proceduralment korretta. Huwa evidenti kemm mill-premessi kif ukoll mit-talbiet l-ohra li l-iskop tal-atturi bil-presentata tal-azzjoni ma kienx semplicement sabiex izommu fis-sehh ilMandat ta` Inibizzjoni numru. 961/2006, u allura li jestendu d-dritt procedurali li kienu kisbu permezz tad-digriet tas-26 ta` Gunju 2006, izda riedu li din il-Qorti tippronunzja ruhha dwar id-dritt pretiz minnhom u cioe` id-dritt sostantiv."*

*L-istess fil-kaz in ezami, l-atturi mhumiex semplicement jitolbu perpetwazzjoni tal-Mandat ta` Inibizzjoni. Id-dritt sostantiv li jippretendu li ghandu jigi salvagwardjat huwa dak tal-inkolumita` tal-proprjeta` taghhom."*

*Dawn l-insenjamenti jghoddu ghall-kaz tal-lum ghaliex dak li qed jintalab mill-atturi mhuwiex semplici perpetwazzjoni ta` mandat izda harsien ta` jeddijiet. Fit-talba setghet intuzat frazi ohra minflok tinibixxi pero` l-effett kien jkun l-istess. Ghalhekk it-talba se tkun milqugha."*

Fl-isfond ta` din il-guriprudenza, din il-Qorti tqis illi l-kawza kif proposta, ghalkemm fl-ewwel talba qed tintalab konferma tal-mandat ta` Inibizzjoni, fl-istess waqt qed jigi nvokat dritt pretiz, ossija dikjarazzjoni ta` agir illegali u abbuziv da parti tal-konvenuta.

Din tal-lum mhijiex semplici talba ghall-konferma ta` mandat kawtelatorju izda talba ghall-affermazzjoni ta` dritt sostantiv fejn is-socjeta` attrici qeghda ssostni illi s-socjeta` intimata ma kellha l-ebda dritt illi - minghajr il-kunsens taghha - tohloq *domain name* iehor identiku sabiex tkun tista` tibqa` topera u toffri *gaming* minn fuq l-*internet* permezz ta` l-uzu illecitu ta` *software* u/jew il-propjeta` ntellettwali tas-socjeta` rikorrenti.

Il-Qorti kkostatat illi fl-ewwel talba, wara l-ewwel paragrafu, kien indikat il-kuntest li fuqu kienet qeghda ssir it-talba, li huwa d-dritt propju li qed ikun pretiz mill-attrici senjatament :-

*" ... stante illi dan l-agir qed isir bi ksur tad-drittijiet tal-proprejeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti li l-istess socjeta` rikorrenti ghandha u dan ukoll bi ksur ta` ftehim datat 11 ta` Dicembru 2009 [...] li kien sar bejn is-socjeta` rikorrenti (li kienet maghrufa bhala iButler Games Ltd) [...] u s-socjeta` intimata u li permezz tal-istess ftehim is-socjeta` rikorrenti kienet tipprovdi numru ta` servizzi, inkluz is-software, lis-socjeta` intimata u dan relatat ma wesbite elettroniku bid-domain name www.lespirates.eu u dana bi qbil illi kull proprjeta` intellettwali ezistenti fis-software u kull tip ta proprjeta` intellettwali ohra provdut mis-socjeta` rikorrenti kienet proprejta` assoluta tas-socjeta` rikorrenti u li s-socjeta` intimata ma kellhom l-ebda setgha li juzaw dan is-software mod iehor.*

*Dan fil-kuntest illi s-socjeta` intimata, wara li ma hallsitx ammonti dovuta minnha lis-socjeta` rikorrenti kif maqbul fil-ftehim datat 11 ta` Dicembru 2009 u li ghalhekk wassal lis-socjeta` rikorrenti biex tittermina l-istess kuntratt, minghajr il-kunsens tas-socjeta` rikorrenti kkreat domain-name iehor bl-isem `lesspirates` sabiex tkun tista tibqa` topera u toffri loghob tal-azzard minn fuq l-Internet*

*permezz tal-uzu llecitu tas-software u/jew il-proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti.*

*U dan peress illi s-socjeta` intimata qed tuza s-servizzi ta` hosting ipprovduti mis-socjeta` Bellnet Limited fost l-ohrajn permezz ta` IP Addresses registrati f`isem Bellnet Limited bhal ma huwa dak 78.110.21.49 [...] biex tkun tista` topera b`dan il-mod illegali u abbuziv.*

*U dan peress illi dan l-agir illegali tas-socjeta` ntimata qed jikkreja danni ngenti u rreparabbli lis-socjeta` rikorrenti."*

Tajjeb jigi rilevat illi l-attrici ma bbazatx l-azzjoni marret ben oltre semplici talba ghall-konferma ta` mandat kawtelatorju. Mhux biss dan huwa evidenti mir-raba`, l-hames u sitt premessi tar-rikors guramentat, fejn kienet spjegata r-raguni ghalfejn saret il-kawza, izda jidher ukoll fit-talbiet l-attrici specifikat il-jedd taghha pretiz u ddomandat il-hlas tad-danni minhabba l-allegat agir illegali u abbuziv tas-socjeta` intimata.

Huwa wkoll ovvju li kien konsegwenza ta` l-ezercizzju ta` dritt li tippretendi li ghandha s-socjeta` rikorrenti li ntalbet l-inibizzjoni ndikata fl-ewwel talba.

Ghandhiex ragun fil-mertu l-attrici l-qorti sejra tghid `il quddiem pero` in linea preliminari kif dedotta l-ewwel eccezzjoni hija nfondata fil-fat u fid-dritt.

**Il-Qorti qeghda <u>tichad</u> l-ewwel eccezzjoni.**

Jekk ghandhiex ragun l-istess socjeta` attrici dwar din il-pretensjoni minnha vantata, din il-Qorti ghad trid tara iktar il-quddiem f`din is-sentenza, però certament li meta wiehed ihares lejn ic-citazzjoni fl-intier taghha, jidher ovvju li l-azzjoni attrici saret sabiex l-attrici tivvanta d-dritt li tippretendi li ghandha li abbazi tieghu nhareg il-mandat kawtelatorju premess, u mhux semplicement sabiex jigi kkonfermat in perpetwità u fl-astratt l-imsemmi mandat ta` inibizzjoni.

Ghaldaqstant, din il-Qorti sejra tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta.

## IV. It-tieni eccezzjoni

Fit-tieni eccezzjoni ssir riferenza ghal Rik. Gur. Nru 59/2011 fl-ismijiet **Panavik Gaming Limited vs 36 Gaming Limited**.

Jirrizulta illi din il-kawza marret dezerta fil-5 ta` Mejju 2015, peress li Panavik Gaming Limited jidher li ma kellhiex aktar interess fil-kawza.

Fil-fatt dik il-kawza thalliet *sine die* u wara li ghadda t-terminu stabbilit mil-ligi bla ma sar xejn sabiex il-kawza tkun riappuntata, il-kawza marret dezerta.

**Il-Qorti qeghda tichad it-tieni eccezzjoni**.

## V. Il-mertu

Jirrizulta li l-partijiet ftehmu illi s-soċjeta attriċi kellha tipprovdi *non exclusive software licence* ghal numru ta` programmi ta` *software* uzati sabiex ikun jista` jsir loghob ta` l-azzard fuq l-internet kif ukoll numru ta` servizzi ta` manutenzjoni relatati mal-istess programmi. Fil-ftehim li kien iffirmat fil-11 ta` Dicembru 2009 kif ukoll fil-ftehim precedenti ffirmat fil-5 ta` Gunju 2008, kien hemm specifikat b`mod car u inekwivoku illi l-proprjeta` intelletwali ta` kull *software* ipprovdut mir-rikorrenti lill-intimati kif ukoll tibdil ta` l-istess *software* li jista` jsir u/jew sar minn zmien ghal zmien wara l-iffirmar ta` l-istess kuntratti kellu jibqa` l-proprjeta` assoluta tas-socjeta` rikorrenti b`dan illi minghajr il-kunsens espress tas-socjeta` attrici, is-socjeta` intimata ma setghet qatt taghmel uzu mill-istess kif ukoll lanqas tapproprja ruhha minn dawn id-drittijiet.

Ghal xi raguni, is-socjeta` intimata waqfet thallas lill-attrici dak dovut lilha ai termini tal-kuntratt tal-11 ta` Dicembru 2009 u ghalhekk is-socjeta` attrici pprocediet b`kawza ghal tali hlas li ggib in-numru 1294/2010 fl-istess ismijiet, liema kawza ghadha pendenti (u tinsab in fatti differita ghas-sentenza ghat-12 ta` Ottubru 2017). In oltre, ai termini ta` l-artikolu 15.2 ta` l-istess kuntratt, is-socjeta` attrici tterminat il-kuntratt u ma baqghetx tipprovdi l-ebda tip ta` servizzi lis-socjeta` intimata. Minkejja tali terminazzjoni, is-socjeta` intimata baqghet taghmel uzu mill-grafika

elettronika li kienet originarjament taghmel parti mis-*software* pprovdut mis-socjeta` rikorrenti, liema grafika s-socjeta` rikorrenti tinsisti li hija proprjeta` intelletwali assoluta taghha.

Kif spjegat mir-rapprezentant tas-socjeta` attrici, wara t-terminazzjoni tal-kuntratt datat 11 ta` Dicembru 2009, il-loghob ta` l-azzard beda jsir tramite *Universal resource locator* (URL) differenti minn dak pattwit fil-kuntratt tal-11 ta` Dicembru 2009 fejn minflok baqa` jintuza d-*domain name* www.lespirates.eu, is-socjeta` intimata bdiet tuza *domain name* iehor identiku www.lesspirates.eu. Infatti, skont l-istess rapprezentant tas-socjeta` attrici, is-socjeta` attrici skopriet li meta s-socjeta` intimata ntalbet tirritorna s-*software* u tieqaf milli tuza l-prodotti tas-socjeta` attrici, hija kkupjat is-*software*, tefghet is-*software* fuq URL ohra li kien simili hafna tal-URL li fil-kuntratt setghu juzaw. Ghalhekk, mix-xhieda ta` Diacono, irrizulta li s-socjeta` intimata bazikament ikkupjat is-*software* tas-socjeta` rikorrenti u baqghet tuzah tramite URL ohra li kienet identika ghal dik supplita mis-socjeta` rikorrenti peress li l-unika differenza kienet l-ittra "s" aggunta ghal darbtejn .

Ghalhekk saret din il-kawza.

Is-socjeta` konvenuta laqghet ghat-talbiet fil-mertu tas-socjeta` attrici billi eccepiet illi s-socjeta` rikorrenti trid tipprova illi hija proprjetarja tal-programmi tas-*software*, grafika elettronika, isem, il-*Universal resource locator* u kull proprjeta` intelletwali ohra imsemmija fir-rikors promotur taghha (it-tielet eccezzjoni). Eccepiet ukoll (ir-raba` eccezzjoni) illi ma kienx minnu illi hija baqghet tuza s-*software* jew il-proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti.

Dan premess, u riferibbilment ghat-tielet eccezzjoni, is-socjeta` intimata nsistiet illi skont dikjarazzjoni maghmula minn Charalambos Orphanides li huwa direttur u azzjonist fis-socjeta` intimata, il-loghob riferit huwa proprjeta` assoluta tas-socjeta` intimata.

Kopja ta` din id-dikjarazzjoni giet ezebita mar-risposta guramentata tas-socjeta` intimata bhala JD1.

Din id-dikjarazzjoni nghatat bhala *statement* lill-pulizija ta` Cipru fejn fost affarijiet ohra, intqal li Charalambos Orphanides, huwa proprjetarju ta` Magneta Technology Limited li tizviluppa programmi ta` *on-line casino*. Dan spjega li klijent tieghu huwa Panavic Limited u li kien biegh lil Chariton Viki, Les Pirates Programme konsistenti f`4 loghobiet. Charalambos Orphanides iddikjara illi huwa kien ipprovda wkoll *hosting services* u s-*server* Net Way. Kompla jghid li huwa biegh is-*server* fl-4 ta` Settembru 2007 u li huwa ma kienx involut fl-operazzjoni tal-programm. Charalambos Orphanides iddikjara illi l-kumpannija tieghu bieghet biss dan il-programm u s-*server* u bdiet process biex tigi licenzjata minn pajjiz Ewropew iehor.

Dwar din id-dikjarazzjoni, ir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti spjega li din ma ghandhiex x` taqsam mas-socjeta` rikorrenti u s-*software* taghha. Gie in fatti ezebit ftehim a fol 131 et seq liema ftehim datat 5 ta` Gunju 2008 kien jirrigwarda l-ftehim li kien hemm bejn Magneta Technologies Limited u Panavik Gaming Limited. F`dan il-ftehim, ma tirrizultax deskrizzjoni ta` x` *software* u proprjeta` intelletwali ohra kienu koperti b`dan il-ftehim. Dana peress li *Magneta`s computer programs* li kienu msejha f`dan il-kuntratt bhala *the Licensed Software*, kienu specifikati fis-*software licence agreement* raggunt bejn l-istess partijiet. Dan il-*licence agreement* suppost li kien anness ma` dan l-istess kuntratt, izda kopja tieghu ma gietx annessa bhala evidenza f`dan il-process.

Ghalhekk, mill-provi ezebiti, din il-Qorti ma tistax tevalwa jekk dak dikjarat minn Charalambos Orphanides fl-i*statement* tieghu, jikkorrispondiex ghal dak li hemm imnizzel fis-*software* licence agreement.

Minkejja dan, il-Qorti evalwat ukoll il-kontenut tal-ftehim bejn il-kontendenti tal-11 ta` Dicembru 2009, minn fejn jirrizulta kjarament :-

a. x` *software* kien ser jigi kkonsenjat (ara klawsola 2 u schedule 1)

b. fuq liema sistema kienet sejra tigi stallata s-*software* (ara klawsola 2 u schedule 2) ;

c. l-uzu li seta` jsir minn dan is-*software* u d-*domain* fejn seta` jintuza (vide klawsola 3).

Mill-istess ftehim, johrog car mill-Art 11 illi ma kienu trasferiti l-ebda *intellectual property rights* :-

> *11.1 Except for the license to Use the Software, this Agreement is not intended to and does not directly or indirectly transfer any intellectual property rights subsisting in or related to the Software, the System or the Software Documentation or in any upgrade or new release version of the Software, the System or the Software Documentation.*
>
> *11.2 The Licensee acknowledges that any and all of the copyright, trade marks, trade names, patents and other intellectual proprety rights subsisting in or used in connection with the Software, Support Software, Software Documentation or upgrades or new release versions shall be and remain the sole property of the Licensor or such other party as may be identified therein or thereon (the Owner).*

Irrizulta wkoll li s-socjeta` intimata ma ghandhiex dritt tqajjem kweziti u dubbji dwar il-proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti fir-rigward tal-prodotti forniti :-

> *11.4 The Licensee shall not during or at any time after the expiry or termination of this Agreement (whether in whole or with respect to support only) in any way question or dispute the ownership by the Licensor or the Owner thereof.*

Anke f`kaz li jkunu saru invenzjonijiet godda jew zviluppi f`dan is-*software*, tali jkunu proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti:

> *11.5 In the event that new inventions, designs or processes evolve in performance of or as a result of this agreement, the Licensee acknowledges the same shall be the property of the Licensor unless otherwise agreed in writing by the Licensor.*

Similment fil-ftehim precedenti li kien iffirmat bejn il-partijiet ossija 36 Gaming Limited (li dak iz-zmien kellha l-isem ta` I Butler) u Panavik Gaming Limited fil-5 ta` Gunju 2008 (ezebit a fol 35 sa 49) kien ukoll specifikat b`mod car u inekwivoku illi l-proprjeta` intellettwali ta` kull *software* mis-socjeta` rikorrenti lis-socjeta` intimate kif ukoll tibdil ta` l-istess *software* li jista` jsir jew sar minn zmien ghal zmien, kellu jibqa` l-proprjeta` assoluta tas-socjeta` rikorrenti.

Infatti nsibu illi :

> *11(1) The Licensed Software and the copyright and other intellectual property rights of whatever nature in the Licensed Software Materials (including any modifications made thereto) are and shall remain the property of the distributor and the Distributor reserves the right to grant licenses to use the Licensed Software or the Software Documentation or both to third parties.*
>
> *(2) The Licensee shall notify the Distributor immediately if the Licensee becomes aware of any unauthorized use of the whole or any part of the Licensed Software Materials by any person.*
>
> *(3) The Licensee will permit the Distributor to check the use of the Licensed Software Materials by the Licensee at all reasonable times and for that purpose the Distributor shall be entitled to enter any of the Licensee`s premises upon reasonable prior notice.*

Ghaldaqstant fil-ftehim bejn il-kontendenti, hemm dikjarat b`mod esplicitu li l-proprjeta` tas-*software* u kull proprjeta` intellettwali ohra fornita mis-socjeta` rikorrenti kienet ta` l-istess socjeta` rikorrenti.

Huwa ben risaput li abbazi tal-massima legali *pacta sunt servanda,* huwa principju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti illi l-vinkolu kuntrattwali ghandu jigi rispettat billi huwa ligi bejn il-partijiet u kwindi hija dik il-volonta tal-kontraenti li ghandha tipprevali u tigi osservata.

Dan huwa in linea ma` dak ritenut fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Gloria Beacom et vs AIC Anthony Spiteri Staines** deciza fil-5 ta` Ottubru 1998.

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-fatt li s-socjeta` intimata allegat li l-ftehim tal-11 ta` Dicembru 2009 huwa wiehed null u bla ebda effett billi skont hi l-firma li hemm fuq l-istess ftehim hija wahda falza u fabbrikata.

Madanakollu, minkejja dak li sehh waqt il-kawza istitwita mis-socjeta` intimata sabiex tottjeni dikjarazzjoni ta` nullita` ta` dan il-ftehim, u minkejja dak li gie kkonstatat mill-perit kalligrafu s-socjeta` intimata ma komplietx ghaddejja b`dik il-kawza.

Din il-Qorti qieset ukoll dak li xehed ir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti fis-seduta tat-13 ta` Marzu 2017 li baqa` jinsisti li s-socjeta` rikorrenti ffirmat dak il-ftehim li kien gie ffirmat min-naha tas-socjeta` intimata u li kien inghata lis-socjeta` rikorrenti biex jigi ffirmat halli imbaghad is-socjeta` intimata tkun tista` tapplika ghal licenzja mal-Malta Gaming Authority. In fatti, dan jikkombaca max-xhieda tar-rapprezentanta tal-Malta Gaming Authority li spejgat illi fis-27 ta` April 2010 (ossija ftit xhur wara li sar dan il-ftehim) saret rikjesta mis-socjeta` intimata sabiex minn *class 1* tinqaleb ghal *class 1 on 4* fuq is-socjeta` rikorrenti.

Ghaldaqstant, sa llum il-gurnata, dak il-ftehim huwa wiehed li baqa` vigenti u ghadu validu peress li fl-ebda hin ma nghatat xi sentenza li dan il-ftehim huwa wiehed null u bla effett.

Aktar minn hekk, il-Qorti ma ghandhiex kontrotalba sabiex tiddikjara l-ftehim null u bla effett.

Hija trid tiddeciedi t-talbiet.

Sinjifikanti wkoll huwa n-nuqqas ta` eccezzjoni formali fis-sens li l-ftehim huwa wiehed null. It-tieni eccezzjoni certament ma tinkwadrax.

Il-gurisprudenza hija kategorika ghall-ahhar billi teskludi l-possibilita` li l-Qorti tiddeciedi barra mill-kontestazzjoni ta` bejn il-partijiet.

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fid-19 ta` Mejju 2004 fil-kawza **Veronique Amato Gauci Veronique et vs Marco Zammit et** inghad :-

*"Illi ghal dak illi jirrigwarda l-azzjonijiet civili, l-procedura tillimita hafna l-inizjattivi li l-Qorti tista tiehu minn rajha. Fost dawn, per ezempju, hemm il-gurisdizzjoni, fejn jekk jirrizultalha illi m`ghandhiex kompetenza jew gurisdizzjoni biex tisma` kawza, l-Qorti tista` "ex-*

*officcio" tqajjem din il-kwistjoni peress illi hi ta` ordni pubbliku. L-istess fil-kaz ta` Mandat in Factum fejn il-Qorti tista` "ex-officcio" tezamina r-ragunijiet ghall-hrug ta` dan il-Mandat (ara **Xuereb vs Xuereb** Appell 27 ta` Marzu, 2003).....*

*1. "Huwa principju maghruf illi l-Imhallef civili ghandu, fl-ghoti tas-sentenza f`kawza, joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b`mod illi waqt li hu obbligat jokkupa ruhu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet, minn naha l-ohra ma jistax jitratta u jirrizolvi kwestjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu, ammenokke non si tratta minn kwestjonijiet ta` ordni pubbliku li l-Imhallef hu obbligat jirrileva "ex officio" – **"Joseph Gatt –vs- Joseph Galea"**, Appell Civili, 12 ta` Lulju 1965; **"Regina mart Francis Cacciottolo –vs- Francis Cacciottolo"**, Appell Civili, 30 ta` Gunju 1976;*

*2. "Il-Qorti m`ghandhiex tissolleva eccezzjonijiet li m`hiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta` Organizazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta` ordni pubbliku, altrimenti kwalunkwe kwestjoni legali tkun tista` tigi sollevata mill-Qorti, prattika din mhiex rakkomandabbli li tista` twassal ghal sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq l-eccezzjoni taghha stess" –**"Anthony Hammett noe –vs- Vincent Genovese pro et noe"**, Appell Kummercjali, 31 ta` Jannar 1991;*

*"Fis-sistema gudizzjarja taghna l-Qorti m`ghandhiex tissolleva eccezzjonijiet li m`hijiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta` Organizazzjoni u Procedura Civili jew minn xi konsiderazzjoni serja ta` ordni pubbliku. Dana billi, bhala norma, il-gudikant ghandu jiddeciedi l-kawza billi joqghod fuq il-binarju tal-kontestazzjoni li jressqulu l-partijiet. Huwa r-rwol tad-difensur tal-parti u mhux tal-gudikant li jiskogita difizi u eccezzjonijiet dwar kwestjonijiet legali. Diversament il-Qorti tkun qeghda tesponi ruha ghal certi riskji ovvji meta tiddeciedi kawza fuq eccezzjoni li tissolleva hi stess, meta m`hijiex awtorizzata espressament li taghmel hekk" – **"Edwin Grech –vs- Antida Saglimbene et"**, Qorti tal-Kummerc, 9 ta` April 1992.*

(ara wkoll : Qorti tal-Appell : **Borg vs Halmann Limited** : 20 ta` Ottubru 2003 ; Qorti tal-Kummerc : **Grech vs Saglimene et** : 9 ta` April 1992 ; Prim`Awla : **Gatt vs Debono et** : 2 ta` Frar 1990)

**Il-konsegwenza ta` dan kollu hija illi l-Qorti tkun tezorbita mill-binarji ta` l-kawza li kieku kellha toqghod tezamina jekk il-ftehim kienx null u bla effett. Ghalhekk, tenut kont tal-kontenut ta` l-kuntrat de quo, il-Qorti qeghda tichad it-tielet eccezzjoni.**

Fir-raba` eccezzjoni li wkoll tolqot il-mertu, is--socjeta` intimata cahdet li baqghet tuza s-*software* jew il-proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti.

Pero` ma ressqitx provi in sostenn tal-eccezzjoni.

Apparti dan in-nuqqas ta` provi mis-socjeta` intimata, il-proceduri li ttiehdu mis-socjeta` rikorrenti jixhdu l-oppost.

Irrizulta li precedentement ghall-prezentata ta` din il-kawza, is-socjeta` rikorrenti kienet ipprezentat mandat ta` inibizzjoni datat 24 ta` Novembru 2010 fejn talbet li s-socjeta` intimata tigi inibita milli tkompli tutilizza s-*software* u l-proprjeta` intelletwali tas-socjeta` rikorrenti. Dan id-digriet gie milqugh fit-23 ta` Dicembru 2010. Sussegwentement, minkejja l-hrug ta` dan il-mandat, is-socjeta` intimata jidher li baqghet tippersisti fl-agir taghha tant li s-socjeta` rikorrenti giet kostretta illi tipprezenta protest gudizzjarju kontra l-istess socjeta` intimata kif ukoll kontra Vodafone Malta Limited li kienet qed tissuplixxi l-*IP address*. Dan il-protest gudizzjarju sar sabiex kemm is-socjeta` intimata u Vodafone Malta Limited jigu mizmuma responsabbli ghad-danni li kienet qed issofru s-socjeta` rikorrenti minhabba dan l-uzu abbuziv u illegali tas-*software* u proprjeta intelletwali taghha.

Din il-Qorti hija tal-fehma illi li kieku ma kienx qed isir dan l-uzu abbuziv u illegali, is-socjeta` rikorrenti ma kinitx ser toqghod tipprocedi b`mandat ta` inibizzjoni, bi protest gudizzjarju u bil-prezentata ta` din il-kawza odjerna. Kif gia` nghad, ir-rapprezentant tas-socjeta` attrici kkonferma l-kontenut tar-rikors guramentat u mill-banda l-ohra, is-socjeta` intimata naqset li tressaq provi in sostenn tad-difiza taghha.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tichad</u> ir-raba` eccezzjoni.**

Skartati l-eccezzjonijiet fil-mertu, il-Qorti tmur ghall-mertu tal-ewwel u tat-tieni talbiet attrici.

Fil-kuntratt kien espressament patwit fil-klawsola 7.1.2 illi s-socjeta` intimata ma kellhiexx tindahal fl-operazzjoni u l-funzjonalita` tas-*software* minghajr ma jkollha l-approvazzjoni tas-socjeta` rikorrenti.

Infatti nsibu :

*"7.1.2 The Licensee undertakes not to interfere with the operation or functionality of the Software following its Installation except and unless the Licensor shall have given its written approval to this effect. In addition, the Licensee shall not be entitled to remove or dismantle the System or the Equipment without first obtaining the Licensor`s written approval to this effect and after giving written notice to the Licensor. In any event, any such approval by the Licensor shall not imply any assumption of responsibility or liability by the Licensor for such interference, removal or dismantling by the Licensee, its authorised representatives or employees.*

Fl-Art 7.2, tnizzel illi ma jistax isir kkupjar jew modifika tas-*software* provdut mis-socjeta` rikorrenti :-

*7.2 The Licensee undertakes, except to the extent and only to the extent permitted by the applicable law to the Licensee as a lawful licensee of the Software and for the specific limited purposes stated in such applicable law, not to perform and not to permit any of its authorised representatives, agents or sub-contractors not authorized by the Licensor to perform any of the following acts:*

*(i) to copy the Software (other than for normal system operation and as specified above) or the Support Software (other than for normal support activities);*

*(ii) to otherwise reproduce te same provided that the Licensee may copy the Software for back-up purpose;*

*(iii) to translate, adapt, vary, modify the Software or Support Software….."*

Fl-istess sens huwa l-Art 12.2 li jistipola :-

*The licensee further agrees that it shall not itself or through any subsidiary, agent or third party modify, vary, enhance, copy, sell, lease, license, sub-license, or otherwise deal with the Software or any part or parts or variations, modifications, copies, releases, versions or enhancements thereof or any supporting software or have any software or other program written or developed for it based on any Confidential Information supplied to it by the Licensor.*

Ai termini tal-Art 10.1.1, *the licensee undertakes to indemnify the Licensor and keep the Licensor fully and effectively indemnified on demand against any loss of or damage to any property or injury to or death of any person caused by any fraudulent, negligent or otherwise act or omission tor breach of this Agreement by the Licensee, its employees, authorized representatives, agents or subcontractors. The provisions of this Clause shall survive the termination of this Agreement, howsoever caused , provided that this shall not imply or create any continued right to use the Software after termination of this Agreement.*

Imbaghad fl-Art 11.6, jinghad illi *the licensee shall indemnify the licensor fully against all liabilities, costs and expenses which the Licensor may incur as a result of work done in accordance with the Licensee`s specifications involving infringement of any patent or other proprietary right.*

Minn ezami tad-diversi disposizzjonijiet tal-ftehim mehuda fl-assjem, huwa ben evidenti li s-socjeta` intimata kienet qed tikser l-istess obbligazzjonijiet assunti minnha fil-ftehim.

Irrizulta ppruvat illi s-socjeta` intimata kkupjat is-*software* u baqghet tuzah gewwa *domain* li kien identiku ghal dak precedenti.

Dan seta` jsir biss li kieku kien hemm il-kunsens tas-socjeta` rikorrenti, li assolutament ma kienx moghti lis-socjeta` intimata.

Ghaldaqstant ladarba, il-kuntratt kien terminat minhabba n-nuqqas ta` pagament mis-socjeta intimata lis-socjeta rikorrenti, is-socjeta` intimata

ma setghetx tibqa` tutilizza s-*software* u proprjeta` intelletwali ohra tas-socjeta` rikorrenti, hekk kif fil-fatt baqghet taghmel.

**L-ewwel talba hija milqugha.**

Jifdal il-kwistjoni dwar id-danni.

Irrizulta wkoll mill-premessi tar-rikors guramentat, kif ukoll mix-xiehda tar-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti, illi kagun ta` l-uzu tas-*software* u proprjeta` intelletwali ohra liema uzu baqa` jsir abbuzivament u illegalment mis-socjeta` intimata, is-socjeta` attrici soffriet danni peress li tilfet il-hlas ta` *commissions* li kienu dovuti mis-socjeta` intimata lis-socjeta` rikorrenti ai termini  tal-kuntratt tal-11 ta` Dicembru 2009.

Fil-hames eccezzjoni taghha, is-socjeta` intimata eccepiet illi l-ebda danni ma huma dovuti peress li l-agir taghha ma kienx abbuziv jew illegali u s-*software* li kien qed jintuza kien ghal skopijiet ta` *testing* biss u kien mibni minnha u ghal kollox differenti ghal dak li tuza s-socjeta` rikorrenti.

Dwar din il-hames eccezzjoni, din il-Qorti gia` ghamlitha cara li fil-fehma taghha, l-agir tas-socjeta` intimata kien abbuziv u illegali stante li kien jikser dak miftiehem fil-kuntratt tal-11 ta` Dicembru 2009.

F`din l-eccezzjoni, kien allegat li s-*software* li kien qed jintuza kien ghal skopijiet ta` testing biss u kien mibni mis-socjeta` intimata kif ukoll kien differenti ghal dak li tuza s-socjeta` rikorrenti.

Madanakollu, is-socjeta` intimata ma ressqetx provi biex issostni u tipprova din l-eccezzjoni.

Kien jinkombi fuqha li tressaq prova li dak li kien qed jintuza kien xi haga kompletament differenti u distinta minn dak proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti.

**Il-Qorti sejra tilqa` t-tieni talba.**

Ghal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni, il-Qorti tqis illi l-gwadann tas-socjeta` intimata u *ergo* d-danni sofferti mis-socjeta` attrici, kien konsistenti fl-iffrankar tal-*commissions* li kienu dovuti lis-socjeta` rikorrenti ai termini tal-kuntratt datat 11 ta` Dicembru 2009.

Il-kuntratt jispecifika l-hlasijiet dovuti mis-socjeta` intimata lil dik rikorrenti senjatament fl-artikolu 5 et seq tal-kuntratt tal-11 ta` Dicembru 2009.

Il-hlasijiet dovuti ghal licenzja tas-*software* kif ukoll ghas-servizzi ta` manutenzjoni huma fl-ammont ta` 10% tan-*net game revenue* iggenerat mis-socjeta` intimata permezz ta` l-uzu tas-*software* llicenzjata minn u proprjeta` esklussiva tas-socjeta` rikorrenti.

Minn qari tal-kontenut tar-rikors guramentat ezebit a fol 50 et seq jirrizulta li skont is-socjeta` rikorrenti, kien fl-email datat 11 ta` Novembru 2010, illi s-socjeta` intimata giet infurmata li s-servizzi lilha rezi kif ukoll il-licenzja tas-*software* kienu ser ikunu xjolti fi zmien 24 siegha.

Fl-eccezzjonijiet taghha, is-socjeta` intimata ma kkontestatx illi l-ftehim gie in fatti terminat kif ukoll lanqas ma kkontestata meta l-ftehim gie terminat.

Ghaldaqstant, din il-Qorti sejra tikkonsidra illi ghandhom jigu likwidati l-*commissions* li kienu dovuti mit-13 ta` Novembru 2010 (peress li mill-*email* inghatat 24 siegha ohra qabel ma` jigi terminat il-kuntratt).

Imbaghad mill-verbal tat-18 ta` Jannar 2016 hekk kif ikkonfermat bl-affidavit ta` Diacono a fol 145, irrizulta li l-kumpannija konvenuta baqghet tapproprja s-*software* tal-kumpannija attrici u tuza l-istess *domain name* www.lespirates.eu biss biz-zieda ta` l-ittra "s" u cioe` d-*domain name* www.lesspirates.eu sa sitt xhur wara li giet intavolata l-kawza odjerna, biex b`hekk iffrankat il-*commissions* li kienu dovuti minnha abbazi tal-kuntratt bejn it-13 ta` Novembru 2010 sal- 11 ta` Lulju 2011 (ossija sitt xhur wara l-prezentata ta` din il-kawza).

Ir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti spjega li l-*invoices* ezebiti a fol 116 sa 118 tal-process allegat bin-numru 59/2011 jikkontejnu n-*net gaming revenue* ggenerat mill-intimata matul l-ghaxar xhur bejn l-1 ta` Jannar 2010 sa l-ahhar ta` Ottubru 2010. It-total ta` l-ammont dovut lis-socjeta` rikorrenti sa l-ahhar ta` Ottubru 2010 huwa mertu ta` kawza ohra bin-numru 1294/2010. Tali informazzjoni kienet miksuba mill-pjattaforma li kienet tintuza mis-socjeta` intimata u li s-socjeta` rikorrenti kellha access ghaliha biex b`hekk tkun tista` tikkalkola l-*commissions* dovuti ai termini ta` l-operat tas-socjeta` intimata.

Is-socjeta` rikorrenti sostniet li tali informazzjoni hija *historical data* u li ghalhekk, id-danni jistghu jigu kkalkolati billi jittiehed l-*average* ta` tali infomrazzjoni u jigi moltiplikat bin-numru ta` xhur li s-socjeta` intimata baqghet ghaddejja bl-agir illegali u abbuziv taghha. Similment, fit-trattazzjoni orali li saret, il-legali tal-kumpannija attrici ghamel referenza ghall-ammont imnizzel fir-rikors guramentat ezebit a fol 50 et seq u sostna li dak l-ammont huwa ta` EUR 1,130,109.93c (li jikkombaca mat-total ta` l-ammonti kontenuti fl-*invoices* a fol 116 sa fol 118 tal-process allegat bin-numru 59/11) mentri d-danni li qed tippretendi l-attrici f`din il-kawza huma ta` nofs dak l-ammont (minhabba li l-perijodu ta` l-abbuz baqa` sejjer ghal madwar sitt xhur wara l-prezentata tal-kawza odjerna).

Din il-Qorti tqis li mill-1 ta` Jannar 2010 sal-ahhar ta` Ottubru 2010, l-*average* ta` dak dovut lis-socjeta` rikorrenti kienet ta` EUR 113,010.99c fix-xahar. Irrizulta li mit-13 ta` Novembru 2010 sa sitt xhur wara l-prezentata ta` din il-kawza odjerna (11 ta` Lulju 2011), iddekorrew 8 xhur. Il-Qorti zammet f`mohhha wkoll li kien fl-1 ta` Frar 2012 li nharget l-ittra ta` terminazzjoni mill-Malta Gaming Authority fil-konfront tas-socjeta` intimata. Ghaldaqstant, din hija prova ohra li safrattant fil-perijodu bejn Novembru 2010 sa Lulju 2011, is-socjeta` intimata kienet qed topera.

Ghaldaqstant, l-ammont li ghandu jigi likwidat jekk jigu adoperati l-kalkoli ndikati mis-socjeta` rikorrenti jammonta ghas-somma ta` EUR 904,087.92c.

Madanakollu l-Qorti mhijiex konvinta li s-socjeta` rikorrenti ressqet provi bizzejjed li jippruvaw li bl-approprjazzjoni tas-*software* tal-kumpannija attrici u l-uzu ta` *domain name* www.lesspirates.eu (li kien kwazi identiku ghal dak precedenti li kien www.lespirates.eu) il-kumpannija intimata baqghet tiggenera l-istess *net game revenue.* Il-bdil fid-*domain name* kellu l-

possibilita` li jinfluwixxi fuq tali operat b`mod negattiv ghaliex dawk l-utenti li ma kinux jafu bil-bdil fid-*domain name* ma setghux imbaghad ikomplu jilghabu. Din il-Qorti hija tal-fehma li *arbitrio boni viri* ghandha tirriduci s-somma b`25% sabiex taghmel tajjeb ghall-fatt li minkejja li baqghet tintuza l-istess *software* u *domain name* kwazi identiku, il-bdil minimu fid-*domain name* kellu l-possibilita` li jirriduci n-*net game revenue* tas-socjeta` intimata.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti sejra tillikwida l-ammont tad-danni li ghandha thallas is-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici fl-ammont ta` EUR 678,065.94.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta.**

**Tilqa` l-ewwel u t-tieni talbiet attrici.**

**Tilqa` t-tielet talba attrici billi tillikwida d-danni subiti mill-kumpannija attrici fl-ammont ta` sitt mija tmienja u sebghin elf hamsa u sittin Ewro erbgha u disghin centezmu (EUR 678,065.94).**

**Tilqa` r-raba` talba attrici billi tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-kumpannija attrici l-ammont ta` sitt mija tmienja u sebghin elf hamsa u sittin Ewro erbgha u disghin centezmu (EUR 678,065.94) bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza komprizi dawk tal-Mandat ta` Inibizzjoni mahrug fl-24 ta` Novembru 2010 u dawk tal-protest gudizzjarju tad-29 ta` Dicembru 2010.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**